GUDJA

Minuti tat-tlettax-il laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret illum it-Tnejn 19 t'April 2010.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsilliera; | Anthony Dalli u Mark Anthony Sammut |
| Skużat: | Kunsillier; | Osvaldo Pace |

Agenda:

1. Deċiżjoni finali dwar l-għażla tat-tenders:-
   a. Perit *Contract Manager* – 01/10
   b. *Cleaning and Clearing of non urban roads* – 02/10

2. Ħruġ ta' tenders:-
   a. Major patching
   b. Bankini

3. Talba u pubblikazzjoni għall-kwotazzjonijiet dwar xogħlijiet u materjal meħtieġ għas-servizzi tal-Kunsill

4. Għeluq tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-5.55p.m.

Is-Sindku u l-Kunsilliera qalu t-talba.

Ftuħ tal-laqgħa

Mal-ftuħ tal-laqgħa il-Kunsill ġie infurmat bil-kommunikat permess ta' email mingħand il-Kunsillier is-Sur O Pace dwar li ma setax jattendi għal din il-laqgħa peress li kellu impenji oħra kif ukoll dwar kontenut ieħor dwar l-għażliet tiegħu tat-tenders kif ukoll dwar Jum il-Qari 2010.

Il-Kunsill qabel illi s-Sur O Pace għandu jiġi ikunsidrat bħal skużat għal din il-laqgha u li l-kontenut ieħor tal-email jiġi ikunsidrat fil-ħin u waqt id-diskussjoni tal-punti u materja relevanti.

Il-Kunsill qabel li din l-email tifforma parti mill-minuti u markat bħala Dok OP/1.

Minuti

Il-Kunsill qabel illi l-minuti ta' laqgħat preċedenti jiġu preżentati fl-laqgħat oħra tal-Kunsill.

**1.0 Deċiżjoni finali dwar l-għażla tat-tenders**

1.1.0 Perit Contract Manager – 01/10

1.1.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-lista ta' l-offerti u dokumenti preżentati u qabel li l-aħjar offerta hija dik tal-Perit William Lewis li hija ta' l-75% tal-valur tal-kuntratt li jkun qed jiġi immaniġjat mill-Kunsill.

Il-Kunsill qabel illi l-Perit William Lewis ma kienx qed jitlob ħlas ieħor għall-eventwalita li jkun hemm il-ħtieġa li jaħdem aktar minn ħames siegħat fil-ġimgħa fuq xi proġett tal-Kunsill

Il-Kunsill qabel li Sindku u Segretarju Esekuttiv jiffirmaw il-kuntratt mal-Perit William Lewis skond il-proċedura stabbilita.

Il-Kunsill qabel ukoll illi jinforma l-offerenti l-oħra li l-offerta l-oħra ma ġietx milqugħa u li jirritorna l-bid bonds skond l-proċedura stabbilita.

Il-Kunsill qabel illi l-kuntratt jibda mill-01 t'Awwissu 2010 u li jkun fuq bażi ta' sena sena għal perjodu ta' tlett snin.

Il-Kunsill qabel ukoll illi l-arranġament li hemm mas-Sur Joseph Calleja jintemm fl-aħħar t'April 2010 u li l-ħlas jieqaf sa l-aħħar t'April 2010.

1.2.0 Cleaning and Clearing ta' toroq mhux urbani – 02/10

1.2.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-lista ta' l-offerti u dokumenti preżentati u qabel li l-aħjar offeta hija dik tas-Sur Rocco Mifsud li hija ta' €4,000.00

Il-Kunsill qabel li s-Sindku u s-Segretarju Esekuttiv jiffirmaw il-kuntratt mas-Sur Rocco Mifsud skond il-proċedura stabbilita fuq bażi ta' sena sena għal perjodu ta' tlett snin.

Il-Kunsill qabel ukoll illi jinforma l-offerenti l-oħra li l-offerta l-oħra ma ġietx milqugħa u li jirritorna l-bid bonds skond l-proċedura stabbilita.

Il-Kunsill qabel illi l-kuntratt jibda mill-01 t'Awwissu 2010 u li jkun fuq bażi ta' sena sena għal perjodu ta' tlett snin.

Il-Kunsill qabel ukoll illi l-arranġament li hemm mas-Sur Joseph Calleja jintemmu fl-aħħar t'April 2010 u li l-ħlas jieqaf sa l-aħħar t'April 2010.

## 2.0 Ħruġ ta' tenders

2.1 & 2.2 Patching & Major Patching u Bankini

Il-Kunsill qabel li joħroġ dawn it-tenders fuq bażi ta' sena sena tul perjodu ta' tlett (3) snin. Il-Perit W. Lewis għandu jiġi mitlub sabiex jipprepara d-dokumenti relattivi.

Il-Kunsill qabel illi dawn t-tenders għandhom jiġu konsiderati fuq bażi separati iżda mhux projbit illi jiġu mogħtija lil kuntrattur wieħed jekk dan ikun l-aħjar kemm fuq il-major patching kif ukoll fil-bankini.

Meta l-Kunsill jiddeċiedi li jibda xogħol fuq xi triq partikolari għandu jitlob lil perit li jagħmel il-kejl u l-istimi u b'hekk il-Kunsill ikollu kontrol kemm fuq in-nefqa kif ukoll jara li jkun qiegħed miexi mal-budget u ħin approvat.

Il-Perit għandu jagħmel is-superviżjoni meħtieġa u ma jawtorizzax xogħol jew varjazzjoni jekk mhux bil-kunsens bil-miktub tal-Kunsill.

2.3.0 Talba u pubblikazzjoni għall-kwotazzjonijiet dwar xogħlijiet u materjal meħtieġ għas-servizzi tal-Kunsill

2.3.1 a. Xogħol ta' manutenzzjoni u provvista ta' apparat fi Ġnien G. Cassar, Ta' Xlejli, Gudja .

b. Offerti għal-lampi (enerġija solari) f'softareas fil-Gudja

c. Offerti għall bankijiet (frame tal-ħadid u seats ta' l-injam) f'soft areas fil-Gudja

d. Offeri għall-gazebo (frame tal-injam u support tal-metal)

e. Offerta għal servizz ta' electrical enegineer sabiex jipprepara tender documents u valutazzjoni ta' sistema fotovoltajika kif tkun meħtieġa mill-Kunsill Lokali Gudja.

f. Offerti dwar xogħol minuri għal-ħitan singlu u dobblu (ġebel u briks) u tqiegħed ta' kurduni (bil-materjal inkluż) kif ikun meħtieġ mill-Kunsill Lokali Gudja.

g. Offerti dwar xiri ta' computer għal użu amministrattiv tal-Kunsill.

h. Offerti għal 2000 basket u printing meħtieġ konnesjoni mal-proġett dwar separazzjoni ta' l-iskart fil-Gudja.

i. Offerti dwar dustbins (għamliet u stili diversi) fil-Gudja.

j. Espressjoni t'interess dwar żewġ mini pitches fil-Gudja. Dawk interessati għandhom iżuru s-sit, jagħmlu drawings dwar il-proposti u jindikaw kif jassikuraw il-ħarsien ta' l-ambjent , jagħtu rapport dwar is-safety kfi ukoll jindikaw kif jeliminaw ir-riskju.

**4.0 Għeluq tal-laqgħa**

4.1 Triq il-Lewż Gudja. Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lill MEPA dwar inkonvenjent u problema li teżisti f'din it-triq.

4.2 Rotta ta' karozzi. Il-Kunsill qabel li titbagħat ittra lit-Trasport Malta dwar arranġamenti sabiex kultant ħin karozza tal-linja li tkun waslet fl-ajruport fir-rotta lejn il-Belt terġa tidħol fil-Gudja u b'hekk dawk in-nies tal-Gudja li jkunu jridu jiġu mill-ajruport lejn il-Gudja permess tat-trasport pubbliku jkunu jistgħu jagħmlu dan.

4.3 Xelters. Il-Kunsill qabel li għandha terġa tiġi konsiderata valutazzjoni ta' provvista ta' għotien xierqa għal dawn ix-xelters. Din il-valutazzjoni għandha tiġi quddiem il-Kunsill sabiex wara konsiderazzjoni issir deċiżjoni xierqa.

4.4 Proġett tar-Ring Road. Il-Kunsill qabel ili dan il-proġett jibqa monitored sabiex minn żmien għal żmien jiġi eżamitat il-progress tiegħu.

Fil fehma tal-Kunsill dan il-proġett huwa ta' neċessita għal ħarsien kemm ta' l-ambjent kif ukoll dwar it-twettiq ta' proġetti siewja fil-qalba tal-Gudja.

4.5 Seminar organizzat mill-MEUSAC nhar it-Tnejn 26 t'April 2010. Il-Kunsill qabel li għal dan is-seminar jattendi is-Sur Joseph M. Formosa u jirraporta lil Kunsill dwar dak diskuss u maqbul waqt dan is-seminar.

4.6 Proġett dwar iz-zuntier Gudja. Il-Kunsill ġie infurmat illi peress ġie stabilit illi l-fondi allokati kienu biss għall proprjeta pubblika u amministrata mill-Kunsill, din l-applikazzjoni ma setatx tiġi konsidrata aktar.

Il-Kunsill qabel illi jkompli jfittex dwar proġetti oħra ta' kontenut turistiku sabiex inkunu preparati malli jkun hemm sejħiet oħra simili fil-futur.

4.7 Statistika demografiku u soċjali dwar nies fil-Gudja. Il-Kunsill qabel li jagħmel dak kollu li jkun possibli sabiex jikseb informazzjoni u statistika fuq affarijiet importanti fost is-soċjeta u n-nies tal-Gudja. Fost din l-informazzjoni hemm:-

Popolazzjoni
Gender
Impjieg / disinpjieg
Eta
Xogħlijiet
Snajja
Agrikolutra
Industrija
Setturi

Huwa ittamat li kemm l-Ufficċju Nazzjonali ta' l-Istastika kif ukoll mir-riċerka miksuba mill-fondazzjoni GAL Xlokk tinkiseb din l-informazzjoni utli fit-twettieq tal-ħidma tal-Kunsill għal ġid tan-nies tal-Gudja

4.8 BillBoard quddiem il-ħruġ tal-VIP tal-ajruport internazzjonali tal-Malta. Il-Kunsill innota li dan il-BillBoard għaż-żjara tal-Papali fis-17 u fit-18 t'April 2010 sejjer juri li dan l-ajruport huwa fil-Gudja kif ukoll issemmi l-Gudja fil-giegħ u filwaqt li jkun t'għajnuna fil-proġett tal-Gudja bħala post turistiku l-Kunsill mhix sejjer jonfoq ebda flus dwar dan il-poster li ġie mħallas mill-Gvern Ċentrali.

4.9 Ħarġa soċjali għal Kulħadd (nies tal-Gudja). Il-Kunsill ġie infurmat li din il-ħarġa sejra ssir nhar it-Tlieta 04 ta' Mejju 2010 ġewwa Mellieħa Holiday Centre, l-Mellieħa.

4.10 Jum il-Qari 2010. Il-Kunsill ġie nfurmat illi Jum il-Qari 2010 kien sejjer ssir fl-20 t'April 2010. Dan kien qed jiġi mtella f'isem il-Kunsill Lokali Gudja bil-parteċipazzjoni diretta tal-Kulleġġ San Benedittu Skola Primarja Gudja (KSB) kif ukol Skola ta' Santa Giovanna Antida Gudja (SGA). Sar qbil li peress li kien hemm anqas formalita din l-attivita segħet tkun aktar utili u ta' divertiment għal dawk l-istudenti taż-żewġ skejjel.

Il-Kunsill qabel li jimxi bħas-snin ta' qabel dwar l-għoti tal-kotba u ħlas ta' trasport għal din l-attivita annwali u ta' importanza għal-edukazzjoni kemm ġewwa l-Gudja kif ukoll bħala nazzjon.

4.11 Laqgħa informali mad-diriġenti tal-Gudja United FC dwar proġett PPP dwar l-edukazzjoni fiżika għan-nies tal-Gudja. Il-Kunsill ġie infurmat li din il-laqgħa sejjra issir nhar il-Ġimgħa 23 t'April 2010 fil-bini tal-Kunsill Lokali Gudja fis-7.15p.m. Is-Sindku wera x-xewqa li l-Kunsilliera kollha jattendu għal din il-laqgħa.

4.12 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 27 t'April 2010 fis-7.15p.m.

4.13 Il-laqgħa spiċċat fid-8.15p.m.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku